MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1047/1998/1

**Charles Darmanin & Co. Ltd.**

**Vs**

**Maltacom p. l. c. gja Korporazzjoni Telemalta**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-18 ta' Mejju 1998 li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi s-socjeta` konvenuta b' Ittra Ufficjali pprezentata fir-Registru tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Mejju, 1997, interpellat lis-socjeta` attrici sabiex thallas is-somma ta' elf mitejn u hmistax-il lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm1215.26,0) in konnessjoni mas-

servizz telefoniku bin-numru 491589 installat fil-fond “St. Michael”, Triq ic-Cawsli, Qormi (Dok. “A”);

Premess illi s-socjeta` attrici rrespingiet din it-talba permezz ta’ Ittra Ufficjali responsiva datata 23 ta’ Mejju 1997 (Dok. “B”);

Premess illi s-socjeta` konvenuta baghtet ittra datata 6 ta’ Gunju, 1997 fejn regghet interpellat lis-socjeta` attrici sabiex thallas ammonti dovuti in konnessjoni mal-fuq imsemmi servizz telefoniku (Dok. “C”);

Premess illi nonostante korrispondenza illi ntbaghtet lis-socjeta` konvenuta fejn gie respint kwalunkwe responsabilita` in konnessjoni ma’ l-ammonti dovuti lis-socjeta` konvenuta in konnessjoni mal-fuq imsemmi servizz telefoniku, is-socjeta` konvenuta qatt ma rtirat it-talbiet taghha maghmula in konfront tas-socjeta` attrici;

Premess illi s-socjeta` attrici trid tehles, darba ghal dejjem, mill-pretensjonijiet tas-socjeta` konvenuta li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tipprefiggi lis-socjeta` konvenuta zmien qasir u perentorju sabiex tavvanza l-pretensjoni taghha fuq imsemmija kontra is-socjeta` attrici;

2. Fin-nuqqas, tinibixxi lill-istess socjeta` konvenuta milli tagixxi qatt izjed ghall-pretensjoni fuq imsemmija;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittri ufficjali tat-23 ta’ Mejju 1997 kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma’ l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta pprezentata fit-22 ta’ Ottubru 1998 li permezz taghha hija eccepiet:

1. Illi l-eccipjenti qeghda kontestwalment tipprezenta kawza fl-ismijiet “Maltacom plc vs Charles Darmanin & Co. Ltd”, permezz ta’ liema qeghda titlob lill-Qorti sabiex tikkundanna lis-socjeta` attrici thallas l-ammont pretiz minnha u meritu ta’ dawn il-proceduri;

2. Illi in vista tal-premess il-meritu tal-kawza odjerna huwa llum ezawrit u ghalhekk il-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dawn il-proceduri;

3. Illi fir-rigward tal-kap ta’ l-ispejjez dan ghandu jigi deciz fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi u ntavolata mill-eccipjenti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota tas-socjeta` attrici pprezentata fid-19 ta’ Jannar 1999 li permezz taghha cediet it-talbiet taghha kif kontenuti fic-citazzjoni odjerna izda zammet ferm il-kap ta’ l-ispejjez;

Rat in-noti pprezentati mill-avukati difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Din hi azzjoni ta’ jattanza skattata mill-ittra ufficjali datata 16 ta’ Mejju 1997 mibghuta mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici u li permezz taghha s-socjeta` konvenuta ppretendiet hlas ta’ kontijiet arretrati konnessi mas-servizz telefoniku Numru 491589;

Issa fis-sentenza fl-ismijiet "**John Muscat –vs- Joseph Cost Chretien**", Prim' Awla, Qorti Civili, 31 ta' Mejju 1948 (**Vol. XXXIII P II p 287**) jinsab stabbilit illi l-estremi necessarji ghal gudizzju bhal dak prezenti huma:

(1) li l-millantazzjoni tkun tikkontjeni pretensjoni li l-ezercizzju taghha jkun ghad irid jigi;

(2) li ma tkunx determinata minn necessita` jew minn kawtela guridika;

(3) li l-pretensjoni jkollha l-karattru li tista' tigi ezercitata b' azzjoni gudizzjarja;

u (4) li l-millantazzjoni jkollha skop determinabbli, specifiku jew kapaci li jigi specifikat, u li kwindi ma tkunx millantazzjoni generika tad-drittijiet;

Is-suesposti elementi jirrispekkjaw dak kummentat mill-**Cremona** (Giurisprudenza sul Codice di Procedura Civile, Vol. I, p 875 *et seq.*);

Applikati s-suesposti rekwiziti ghall-kaz in ezami huwa ovvju illi l-pretensjoni tas-socjeta` konvenuta ma kinitx tikkonsisti minn semplici spedizzjoni ta' kont izda minn sejha gudizzjarja espressa ghall-pagament (**Vol. XXXVI P III p 632**) u li inoltre l-ezercizzju taghha kien ghad irid jigi (**Vol. XXXII P I p 645**). Ukoll l-allegazzjoni tinkarna fiha vera u specifika millantazzjoni (**Vol. XX P I p 122**);

Jifdal allura li jigi konsiderat jekk l-interpellazzjoni gudizzjarja kinitx determinata minn necessita` jew kawtela guridika. U allura wkoll jekk is-socjeta` attrici kinitx gustifikata li tagixxi bl-odjerna azzjoni sabiex is-socjeta` konvenuta tigi mgeghla tqassar it-terminu preskrittiv ta' l-azzjoni li setghet tuzufruwixxi minnu sakemm tiddeciedi li tiddeduci l-pretensjoni taghha bl-azzjoni appozita;

Minn ezami ta' l-att gudizzjarju ossija ta' l-ittra ufficcjali tas-16 ta' Mejju 1997 il-Qorti hi tal-fehma illi dak vantat

mis-socjeta` konvenuta ma sarx semplicement ghall-iskop biex ma jigix lez lilha d-dritt ta' azzjoni bid-dekors tal-perijodu preskrittiv. Kieku hekk kien biss il-kaz kien jista' jinghad illi ma kienx hemm lok ghal gudizzju ta' jattanza meta l-allegazzjoni maghmula ssir ghall-konservazzjoni tad-drittijiet ("**Charles Ciappara –vs- Salvu Fenech *nomine***", Appell, 7 ta' Ottubru 1996);

Imma ghal kuntrarju fejn, kif jidher li hu l-kaz taht konsiderazzjoni, il-mittenti jaghmel allegazzjoni spontanea li tkun tikkoncerna pretensjoni li l-ezercizzju taghha ikun ghad irid jigi u din ikollha skop specifiku, allura jikkonkorru l-elementi kollha mehtiega biex tigi eradikata l-azzjoni ta' millantazzjoni kif prospettata mil-ligi fl-Artikolu 403 tal-Kapitolu 12;

Huwa tabilhaqq evidenti illi l-att gudizzjarju kien intiz biex is-socjeta` konvenuta tivvanta l-fatt li kienet qed tippretendi li ghandha jedd ta' azzjoni fil-ligi kontra s-socjeta` attrici. Kienet millantazzjoni cara ghaliex kienet tikkontjeni allegazzjoni ta' dritt kontra l-intimati in jattanza li kien kjarament esigibbli kif ukoll tinterpella lill-intimati biex jissodisfaw dak id-dritt (Ara a propozitu decizjoni fl-ismijiet "**Avukat Generali ghan-nom tal-Gvern ta' Malta *et* –vs- l-Avukat Dottor Hugh Peralta *nomine***", Appell, 28 ta' April 2000);

Mhux hekk biss pero` ghax l-istess ittra ufficjali kienet tikkontjeni wkoll monitu specifiku illi kienu ser jittiehdu proceduri legali "aktar drastici" u dan "minghajr pre-avviz iehor". Avvertiment dan li kif rizultanti mill-provi gie realizzat u attwat f' aktar minn okkazjoni wahda. Ara Affidavit ta' Charles Muscat (fol. 24) u dak ta' Donald Darmanin (fol. 25);

Fl-ambitu ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, anke minghajr espressa referenza ghall-atti fil-kawza fl-ismijiet inversi (Citazz. Numru 2623/98), deciza llum stess, il-Qorti hi sodisfatta illi l-att gudizzjarju jissodisfa l-parametri ta' l-

Artikolu precitat u jikkostitwixxi millantazzjoni skond il-ligi. Is-socjeta` attrici kienet allura gustifikata biex tehles mill-pretenzjoni tas-socjeta` konvenuta li tippromwovi l-istanza odjerna;

Konkorrenti ma' din il-konkluzjoni hemm dik l-ohra raggunta fil-kawza fl-ismijiet inversi li tissokta ssahhah l-fehma ta' din il-Qorti illi l-ispejjez gudizzjarji, gjaladarba l-meritu gie cedut b' Nota a fol. 17, ghandhom jigu akkollati lis-socjeta` konvenuta.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi ma tiehux konjizzjoni tal-meritu ghaliex cedut, izda tikkundanna lis-socjeta` konvenuta tbati l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------